MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 33/2012

Geoffrey **GALEA**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Mejju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u kif ukoll taħt l-artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali bil-fatt li, matul is-

smigħ ta’ każ li fih huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, l-Pulizija Esekuttiva esebiet stqarrija li huwa kien għamel f’Lulju, 2003, u li meta għamilha ma kienx tħalla li jikkomunika mal-avukat difensur tiegħu; (ii) tordna t-tneħħija tal-imsemmija stqarrija mill-atti proċesswali tal-imsemmija kawża li qiegħda tinstama’ kontrih, u (iii) tagħti dawk “il-provvedimenti u direttivi xierqa biex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u fundamentali” tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Mejju, 2012, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-22 ta’ Mejju, 2012, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-21 ta’ Mejju, 2012, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li fiż-żmien li ntgħamlet l-istqarrija mir-rikorrent, ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi Maltija li tgħid li persuna kellu jkollha l-għajnuna ta’ avukat. F’kull każ, huma jwarrbu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li huwa b’xi mod ġarrab xi ksur ta’ xi jedd fundamentali tiegħu. Fl-ewwel lok, ma jeżisti l-ebda jedd fundamentali li wieħed ikun mgħejjun minn avukat, iżda biss dritt li wieħed ikollu smigħ xieraq meta jkun mixli b’reat kriminali. Jekk kemm-il darba persuna ma tkunx mgħejjuna minn avukat waqt interrogazzjoni, dan waħdu ma jġibx il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u kull każ jistħoqqlu jkun eżaminat skond iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Żiedu jgħidu f’kull każ, ir-rikorrent fl-ebda waqt ma kien imġiegħel jagħmel l-istqarrija li ta lill-Pulizija, u saħansitra kien imwissi minn qabel li sata’ ma jitkellimx u li dak li kien ser jgħid sata’ jinġab bi prova kontrih u r-rikorrent deher li fehem din it-twissija. Tennew jgħidu li r-rikorrent, fl-ebda waqt matul is-smigħ tal-każ kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija jew li din ittieħdet minnu b’theddid jew kontra r-rieda tiegħu, u kien biss bosta snin wara li taha li b’din il-kawża qiegħed iqajjem il-kwestjoni tas-siwi tagħha. Dwar ir-rimedju mitlub, l-intimati laqgħu billi qalu li xogħol din il-Qorti huwa dak li tkejjel il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ mal-ħarsien tal-jedd miksur u li t-tneħħija mill-atti proċesswali jew l-ilqugħ tal-istqarrija bħala prova ammissibbli għandha tkun deċiżjoni tal-Qorti

ta’ kompetenza kriminali li quddiemha qiegħed jinstama’ l-każ tar-rikorrent, u mhux ta’ din il-Qorti;

Rat il-provi u x-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-20 ta’ Ġunju, 2012[1];

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Ġunju, 2012[2], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-27 ta’ Awissu, 2012[3];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-12 ta’ Settembru, 2012[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Ottubru, 2012[5], li bih u fuq talba tal-avukat difensur tar-rikorrent, ordnat il-bidla fl-atti tal-kawża għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Ottubru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża saret għaliex ir-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta

[1] Paġ. 73 tal-proċess
[2] Paġ. 74 tal-proċess
[3] Paġġ. 76 sa 84 tal-proċess
[4] Paġġ. 85 sa 91tal-proċess
[5] Paġ. 93 tal-proċess

(aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni) u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) bil-fatt li stqarrija li huwa ta lill-Pulizija f’Lulju tal-2003, bla ma kien mgħejjun minn avukat qabel u hu u jagħmilha, tressqet bi prova tal-Prosekuzzjoni fl-atti tal-Att tal-Akkuża li qegħdin jitmexxew kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali;

Illi l-intimati jwarrbu l-ilment tar-rikorrent billi jgħidu li ma jeżisti l-ebda jedd fundamentali li wieħed ikun mgħejjun minn avukat, iżda biss dritt li wieħed ikollu smigħ xieraq meta jkun mixli b’reat kriminali. Jekk kemm-il darba persuna ma tkunx mgħejjuna minn avukat waqt interrogazzjoni, dan waħdu ma jġibx il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u kull każ jistħoqqlu jkun eżaminat skond iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Iżidu jgħidu f’kull każ, ir-rikorrent fl-ebda waqt ma kien imġiegħel jagħmel l-istqarrija li ta lill-Pulizija, u saħansitra kien imwissi minn qabel li sata’ ma jitkellimx u li dak li kien ser jgħid sata’ jinġab bi prova kontrih u r-rikorrent deher li fehem din it-twissija. Itennu jgħidu li r-rikorrent, fl-ebda waqt matul is-smigħ tal-każ kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija jew li din ittieħdet minnu b’theddid jew kontra r-rieda tiegħu, u kien biss bosta snin wara li taha li b’din il-kawża qiegħed iqajjem il-kwestjoni tas-siwi tagħha. Dwar ir-rimedju mitlub, l-intimati jilqgħu billi jgħidu li xogħol din il-Qorti huwa dak li tkejjel il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ mal-ħarsien tal-jedd miksur u li t-tneħħija mill-atti proċesswali jew l-ilqugħ tal-istqarrija bħala prova ammissibbli għandha tkun deċiżjoni tal-Qorti ta’ kompetenza kriminali li quddiemha qiegħed jinstama’ l-każ tar-rikorrent, u mhux ta’ din il-Qorti;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fl-aħħar jiem ta’ Ġunju tal-2003, il-Pulizija kienet arrestat lil xi persuni, fosthom lir-rikorrent (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-akkużat”) wara li sabet fuq il-persuna tiegħu għadd ta’ pilloli *Ecstasy* waqt attivita’ (“*party*”) li saret f’Ta’ Qali. Xi jumejn wara li kien arrestat, l-akkużat ta stqarrija lill-

Pulizija dwar kif kellu x'jaqsam mal-ġrajja[6]. Qabel ma ta l-istqarrija, l-akkużat kien imwissi li sata' ma jitkellem xejn u li dak li kien se' jgħid sata' jintuża bi prova: huwa għażel li jiffirma kemm it-twissija u kif ukoll l-istqarrija. L-istqarrija saret f'għoxrin minuta minn mindu nbdiet. L-akkużat kellu tlieta u tletin (33) sena dak inhar[7];

Illi fil-15 ta' April tal-2009[8] il-Pulizija Esekuttiva xliet lill-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bi traffikar illeċitu ta' droga u b'pussess ta' droga jew sustanza stupefaċenti mingħajr awtorizzazzjoni[9], wara ordni magħmula f'dan is-sens mill-Avukat Ġenerali fit-2 ta' April, 2009, għall-finijiet tal-artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta[10];

Illi waqt li l-Prosekuzzjoni kienet qiegħda tressaq il-każ tagħha, fis-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2010, ressqet bħala parti mill-provi tagħha kontra l-akkużat l-istqarrija li huwa kien taha f'Lulju tal-2003. Wara talba li kienet saret mid-difiża fis-smigħ tal-15 ta' Frar, 2010, il-Qorti kienet ħatret esperta biex tressaq *Social Inquiry Report* dwar l-akkużat. Dan tressaq f'Settembru tal-2010[11];

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet il-provi tagħha minbarra 'l xhud wieħed – wieħed Noel Caruana – li minħabba li kienu qegħdin jitmexxew kontrih proċeduri kriminali, ma xtaqx jixhed biex ma jinkriminax ruħu. Fis-smigħ tat-2 ta' Novembru, 2011[12], id-difiża tal-akkużat ilmentat mid-dewmien fl-għeluq tal-każ min-naħa tal-Prosekuzzjoni, u allegat li dak id-dewmien kien jikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu. Sas-smigħ tal-25 ta' April, 2012, il-Prosekuzzjoni kienet għadha ma għalqitx l-istadju tat-tressiq tal-provi tagħha. Waqt is-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2012[13], wara li l-Prosekuzzjoni ressqet xhud ieħor, il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet talba tal-istess Prosekuzzjoni biex taħtar espert xjenzjat biex janalizza l-pilloli esebiti mill-

---

[6] Dok "JM", f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess
[7] Dok f'paġ. 17 tal-proċess
[8] Għal xi raġuni r-rikorrent jgħid li hu kien tressaq il-Qorti tal-Maġistrati f'Settembru tal-2009
[9] Dok f'paġ. 16 tal-proċess
[10] Dok f'paġ. 20 tal-proċess
[11] Dok "MA1", f'paġġ. 34 – 49 tal-proċess
[12] Verbal f'paġ. 56 tal-proċess
[13] Verbal f'paġ. 66 tal-proċess

imsemmi xhud waqt is-smigħ, u, wara li pprovdiet ukoll dwar it-tressiq tax-xhud Noel Caruana, iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-Prosekuzzjoni u ħalliet il-kawża għal Ottubru biex id-difiża tressaq il-provi tagħha. Il-każ għadu jinstama';

Illi fil-11 ta' Mejju, 2012, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza din il-Qorti tħoss li għandha tgħid minnufih li l-ilment imressaq mir-rikorrent jirreferi biss għall-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija li hu ta lill-Pulizija fl-2003 bħala prova ammissibbli fil-każ li qiegħed jitressaq kontrih mill-Prosekuzzjoni.  Għalkemm waqt l-istess proċedura, id-difiża kienet semmiet li l-akkużat kien qed iġarrab ukoll ħsara tal-jedd tiegħu li l-każ jinstama' fi żmien raġonevoli, dan ma jsemmihx fir-Rikors promotur. Il-Qorti trid toqgħod ma' dak li jissemma fir-rikors promotur biss u tqis l-ilment kif, fil-fatt, magħmul;

Illi, kif ingħad, l-ilment tar-rikorrent jinbena kemm fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artiklu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-artikolu 6(1) tagħha.  Minkejja dan, il-Qorti tinnota li s-sottomissjonijiet tal-għeluq imressqa minnu ma jsemmu xejn dwar l-artikolu 39, iżda joqogħdu biss fuq l-artikoli tal-Konvenzjoni.  Il-Qorti tifhem x'setgħet kienet ir-raġuni għal dan, u sejra tqisu aktar 'il quddiem fis-sentenza tagħha, ladarba dik il-kawżali kienet ukoll waħda mit-tnejn dedotti mir-rikorrent fir-rikors promotur u li baqa' ma irrinunzjax għaliha formalment sallum;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.  ...   (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi*

*liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-akkużat baqa' ma fisser fl-ebda waqt matul is-smigħ tal-kawża liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huwa jgħid li nkiser jew hemm il-biżgħa li jinkiser fir-rigward tiegħu minħabba li ta l-istqarrijiet lill-Pulizija bla ma kien mgħejjun minn avukat. Kif ingħad ukoll, lanqas ressaq xi sottomissjoni f'dan ir-rigward meta saret it-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża;

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[14] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[15];

Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-istess jingħad dwar il-fatt li l-proċediment

---

[14] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[15] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

issa jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Krminali: f'dan il-każ, jidher li l-istħarriġ dwar jekk l-istqarrija tal-akkużat tiksirx il-jedd tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew jekk il-Qorti li quddiemha qed jinstama' l-każ hijiex sejra toqgħod fuq dik l-istqarrija biex issib dwar il-ħtija jew le tiegħu huwa wieħed qabel waqtu[16];

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien ma' l-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[17];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-

---

[16] Ara Kost. **29.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lanzon et vs Kummisarju tal-Pulizija***

[17] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak _Theory and Practice of the European Convention on Human Rights_ (4th Edit, 2006), paġ. 631

effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment[18], ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġegħla tinkrimina lilha nnifisha;

Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' assitenza ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd[19]. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin"[20] jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat[21]. F'dan ir-rigward ingħad li "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the*

[18] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Svizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) § 36

[19] Q.E.D.B. (GC) **27.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Salduz vs Turkija*** (Applik. Nru. 36391/02) § 55 li qalbet is-sentenza mogħtija mit-Tieni Sezzjoni fl-**26.4.2007** li ma kinitx sabet ksur tal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni

[20] Q.E.D.B. (GC) **25.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 18731/91) § 63

[21] Q.E.D.B. **23.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Yoldas vs Turkija*** (Applik. Nru. 27503/04) § 51

*Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[22];

Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorita' pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla Qorti tagħna m'ilux u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relativa[23];

Illi dik l-istess sentenza ssemmi wkoll liema huma ċ-ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali li fihom wieħed jista' jiċċaħħad milli jkun mgħejjun minn avukat qabel ma jħalli stqarrija bla ma jkun hemm ksur tal-artikolu 6. Magħhom, wieħed iżid ukoll il-każ fejn persuna tkun għażlet li tirreġistra ammissjoni tal-akkużi mressqin kontra tagħha u tħalli l-proċess kollu għaddej bla ma tqanqal ilment dwar it-teħid tal-istqarrija bla għajnuna legali[24]. Jidher li tqajjem dubju wkoll kemm jgħodd l-effett tas-sentenza f'*Salduz* dwar intervisti u dikjarazzjonijiet magħmulin minn persuna quddiem uffiċjali tal-pulizija qabel ma persuna bħal dik tkun għadha suspettata u meħuda taħt il-kustodja tal-istess Pulizija[25];

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li, dan l-aħħar, l-ogħla Qorti Maltija tat fehmiet tagħha dwar il-kwestjoni li bħalha din il-Qorti għandha quddiemha llum, u dan billi, filwaqt li tenniet is-siwi u l-ħtieġa tal-għoti tal-jedd lil kull persuna suspettata li wettqet reat li tingħata l-fakulta' li tikkonsulta avukat tal-fiduċja tagħha qabel ma titlaq stqarrija lill-Pulizija, in-nuqqas ta' dan il-jedd ma jissarrafx waħdu fi ksur tal-jedd

---

[22] Q.E.D.B. **15.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Paskal vs Ukrajina*** (Applik. Nru. 24652/04) §76
[23] Kost. **12.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Victor Aquilina) vs Mark Lombardi***
[24] P.A. Kost TM **14.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Xuereb vs L-Avukat Ġenerali*** (kofermata mill-Qorti Kostituzzjonali **28.6.2012**)
[25] Supreme Court (U.K.) **6.10.2011** fil-kawża ***Ambrose vs Harris (Procurator Fiscal) et*** UKSC 43 (2011) li jidher li tibdel il-fehma meħuda mill-istess imsemmija Qorti fil-kawża ***Cadder vs HM Advocate*** UKSC 43 (2010)

ta' smigħ xieraq ta' dik il-persuna. Fl-istħarriġ tagħha tal-qofol tal-kwestjoni dwar ir-rabta tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-fatt li persuna ma tkunx ingħatat li tinqeda bl-għajnuna ta' avukat qabel u waqt li tagħti stqarrija, dik il-Qorti qalet li "*ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita', tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mil-liġi li jikkonsulta ma' avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja. ... Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur sine qua non għal smigħ xieraq.*"[26] Dik il-Qorti fiehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħalqu xi kejl assolut dwar dan. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, l-Qorti

[26] Kost. **8.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***

Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li biha ħasset li tkun qiegħda tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas xieraq tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Illi, għalhekk, dik il-Qorti sabet li fejn il-liġi nazzjonali tkun tagħti ħarsien lill-parti investigata jew akkużata ta' prinċipji li wieġed jorbot ma' jeddijiet ewlenin mogħtija lill-persuna mixlija, il-ħtieġa li dik il-persuna tkun mgħejjuna minn avukat waqt l-interrogazzjoni tagħha ma jibqax daqshekk impellenti fuq is-siwi ta' stqarrija magħmula f'ċirkostanzi bħal dawk. Kemm hu hekk, il-Qorti Kostituzzjonali ssoktat tgħid li "*Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet. ... Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa ... F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta'* ***Paskal v. l-Ukrajna***[27]*: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed". Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta' sħiħa. Ma hemm ebda xiehda*

[27] Q.E.D.B. **15.9.2011** (Applik. Nru. 24652/04) § 78

*u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament*"[28]. Wara li qieset ċirkostanzi oħrajn li kienu jgħoddu għal dak il-każ, il-Qorti sabet li ma kienx seħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi fi żvilupp ieħor li seħħ f'dan ir-rigward, l-istess Qorti Kostituzzjonali sabet li fejn dawk il-garanziji l-oħra ma jkunux tħarsu[29], iċ- ċaħda li persuna tkun mgħejjuna minn avukat waqt l-interrogatorju u qabel ma tagħti stqarrija kienet determinanti għad-determinazzjoni dwar jekk dik il-persuna ġarrbitx ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq[30];

Illi din il-Qorti għażlet li ssemmi u tislet mill-imsemmija żewġ sentenzi għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent innifsu jirreferi għall-fatti li kienu jgħoddu fiż-żewġ każijiet u jsemmihom (għalkemm huwa rrefera għas-sentenzi mogħtija fl-ewwel grad) saħansitra biex isaħħaħ is-sottomissjonijiet tiegħu. Fit-tieni lok, għaliex issib li ż-żewġ sentenzi jindirizzaw iċ-ċirkostanzi tal-każ li din il-Qorti għandha quddiemha llum. Fit-tielet lok, għaliex issib li dawk iż-żewġ sentenzi jagħtu l-iżjed tifsira riċenti daqskemm awtorevoli fil-qafas tal-ordinament ġuridiku Malti kemm għall-effetti tas-sentenza ***Salduz*** u kif ukoll tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq kif applikat taħt il-liġijiet tagħna;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali jressaq bosta argumenti kontra l-argument li l-akkużat[31]. Fost dawn isemmi li l-akkużat għamel l-istqarrijiet minn rajh u li ma kienx imġiegħel jagħmilhom u lanqas wera li

---

[28] Kost. **8.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***
[29] F'dak il-każ kien ħareġ li l-akkużat ma kienx ingħata t-twissija li sata' ma jweġibx qabel ma ta l-istqarrija lill-Pulizija
[30] Kost. **12.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri***
[31] Paġġ. 87 – 9 tal-proċess

kien mhedded b'xi mod. Qal li ntwera li l-akkużat kien ingħata t-twissija li ma kienx marbut li jwieġeb jew li jitkellem u dan jidher li kien fehmu sewwa. Żied jgħid ukoll li l-akkużat ma kienx persuna taħt l-eta' meta ta l-istqarrija u li għandu ċertu livell ta' maturita' li tabilfors kellu effett fuq l-għażla tiegħu li jagħti l-istqarrija li ta lill-Pulizija. Minbarra dan, żied jgħid li l-għamil tal-istqarrija ma hix ser iġġib "*irretrievable prejudice*" lill-akkużat[32]. Fuq kollox, l-istqarrija ma kenitx il-prova waħdanija li l-Prosekuzzjoni ressqet fil-każ tal-akkużat u li, fiż-żmien li ngħatat l-istqarrija, ma kien hemm l-ebda liġi fis-seħħ li tipprovdi għall-jedd ta' persuna arrestata li tkun mgħejjuna minn avukat. Temm jgħid li r-regola fil-każ ta' Salduz ma kellhiex titħaddem b'lura għal żmien qabel ma ngħatat is-sentenza;

Illi, min-naħa tiegħu, l-akkużat jorbot l-argumenti kollha tiegħu fuq iċ-ċirkostanza li ma kienx mgħejjun minn avukat qabel u waqt li ta l-istqarrija u li jisħaq li dan il-fatt waħdu kien iġib il-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi l-istqarrija issa ddaħħlet bħala prova fil-kawża miexja kontrih. Għalhekk, jitlob ir-rimedju tat-tneħħija tal-istess stqarrija mill-atti proċesswali;

Illi l-Qorti ħasbet sewwa fuq il-każ u fliet l-atti tal-kawża u ssib li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru aktar qabel, l-akkużat ma wrihiex li tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hija tal-fehma wkoll li lanqas hemm il-biżgħa tal-ksur tal-istess jedd bit-tħollija tal-istqarrija tiegħu fl-atti proċesswali;

Illi l-Qorti waslet għal din il-fehma minħabba li, fl-ewwel lok, iċ-ċirkostanzi kollha li fihom l-akkużat ta l-istqarrija tiegħu ma juru bl-ebda mod li dan sar kontra r-rieda tiegħu jew minħabba xi theddida jew wegħda li saritlu. Fit-tieni lok, fl-ebda waqt qabel ma l-Qorti tal-Maġistrati iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-Prosekuzzjoni (jiġifieri f'Mejju tal-2012) ma d-difiża qanqlet il-kwestjoni tas-siwi tal-imsemmija stqarrija jew l-ammissibilita' tagħha

[32] Q.E.D.B. **31.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Plonka vs Polonja*** (Applik. Nru. 30310/02) §55

bħala prova. Kemm hu hekk, fil-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2010[33], id-difiża saħansitra eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' b'xhud lill-ex-kuntistabbli li kien preżenti meta l-akkużat ta l-istqarrija. Minbarra dan, l-akkużat kien sa minn meta nbdew kontrih il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (jiġifieri minn April tal-2009, u wara li kienet ingħatat is-sentenza mill-Qorti ta' Strasbourg fil-każ ta' Salduz) dejjem mgħejjun minn avukat. Fit-tielet lok, ir-riferenza waħdanija li qatt saret mill-akkużat jew mid-difiża tiegħu għal xi allegat ksur ta' jedd fundamentali waqt l-imsemmija proċeduri kienet għat-tul ta' żmien li l-każ tiegħu kien qed jieħu biex jinqata', liema lment l-istess Qorti tal-Maġistrati ipprovdiet dwaru bid-degriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2012[34]. Fir-raba' lok, ma ntwera bl-ebda mod li l-akkużat talab li jkun jista' jkellem avukat u li din it-talba kienet miċħuda. Huwa ressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit u fl-ebda waqt ma qal li kien talab li jkellem avukat u li tali talba ma ntlaqgħetx. Fil-ħames lok, din il-Qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi li fihom intagħmlet l-istqarrija f'Lulju tal-2003 kienu hekk li tali stqarrija kienet imħarsa mill-garanziji l-oħrajn kollha mistennija fil-Konvenzjoni għall-ħarsien tal-jeddijiet ta' kull persuna li tkun miżmuma minn awtorita' kompetenti u interrogata waqt li tkun taħt suspett ta' twettiq ta' reat;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra ssib li l-ilment tal-akkużat lanqas ma ntwera mistħoqq taħt id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u t-talba tiegħu ma tistax tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma tagħha, m'huwiex il-każ li tagħti xi ordni jew provvediment dwar x'għandu jsir mill-istqarrija tal-akużat li tinsab fl-atti proċesswali tal-kawża li miexja kontrih, u għalhekk safejn it-talba tiegħu tirrigwarda t-tneħħija tagħha minn dawk l-atti, din il-Qorti tgħid li ma teżisti l-ebda raġuni biex tordna li dan isir, ladarba ma sabitx li dik l-istqarrija saret bi ksur tal-jedd fundamentali tal-akkużat kif imħares fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni

[33] Dok f'paġ. 32 tal-proċess
[34] Dok f'paġ. 67 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi ma weriex li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, meta ta l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija f’Lulju tal-2003 u ma kienx mgħejjun minn avukat; u

Għalhekk **tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------